MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 1044/2010

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Duncan (Duncan John) Burke

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 116976(M), akkuzat talli:

1. nhar id-9 ta’ Ottubru, 2010 bejn il-05:00hrs u is-06:15hrs gewwa Marsaskala, Tarxien u gewwa dawn il-Gzejjer bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Grace Burke kontra il-volonta taghha.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkawza hsara volontarja fuq zewg bibien liema hsara teccedi il-116.47 Ewro (LM50) ghad dannu ta' Mary Grace Burke u/jew persuni ohra.

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Clayton Desira u kkagunalu griehi ta' natura hafifa

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Mary Grace Burke u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Mario Abela mic-Centru Tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza, meta kien jaf jew messu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded lil Mary Grace Burke bi kliem.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.
Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbal taghha tal-lum.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'offizi taht il-Kap 9, cioe': b'arrest, zamma jew sekwestru (Artikolu 87); bi hsara volontarja (Artikolu 325/b); b'offizi ta' natura hafifa (Artikolu 221); ikkagunar ta' biza li ser tintuza vjolenza (Artikolu 251B/1); b'theddid (Art 339/e).

Issa l-uniku xhud li gie prodott min-naha tal-prosekuzzjoni kienet Mary Grace li tigi mart l-imputat. Hi ddikjarat li ma kienitx tixtieq tixhed kontra zewgha anke ghaliex kienu rrikonciljaw id-differenzi ta' bejniethom.

Il-Qorti rat l-Artikolu 633(2) tac-citat Kap. Esercitat id-diskrezzjoni taghha li x-xhud ma tixhidx kontra zewgha.

Konsegwentement, tiddikjara l-imputat mhux hati fin-nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------